MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 197/2002/1

Korporazzjoni Enemalta
Vs
Sprachcaffe Co. Ltd.

Il-Qorti,

Rat l-avviz pprezentat fil-21 ta’ Marzu, 2002 li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ elfejn erba’ mija u wiehed u erbghin liri Maltin u tlieta u sebghin centezimu (LM2441.73) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ xoghol u materjal ghall-estensjoni tat-“Three Phase” tal-elettriku ghal Sprachcaffe Club Village, Pembroke, St. Andrews; bl-ispejjes kontra s-socjeta` konvenuta inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Frar 2002 u bl-interessi mid-data tan-notifika ta’ l-istess ittra ufficjali (9 ta’ Frar 2002) u bis-subizzjoni tal-konvenut.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta pprezentata fit-22 ta’ April 2002 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi s-socjeta` attrici ntrabtet li taghmel xoghol ta' "electricity supply" u l-partijiet kienu ftehmu li l-prezz tax-xoghol u materjal ghall-estensjoni tat-"Three Phase" tal-elettriku kellu jkun ta' tlett elef u mija u hamsa u tletin lira Maltin (LM3135)
2. Illi s-socjeta` konvenuta hallset is-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2000) bhala depozitu kif ukoll il-bilanc ta' elf u mija u hamsa u tletin lira Maltin (LM1135) fiz-zmien stipulat u ghalhekk l-ammont mitlub mhuwiex dovut.
3. Illi minghajr hsara ghas-suespost, ix-xogholijiet damu ma bdew unikament minhabba dewmin min-naha tas-socjeta` attrici u ghalhekk il-prezz patwit ma kellux jigi varjat.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tal-11 ta' Frar, 2003 il-Qorti tal-Magistrati, Malta, iddisponiet minn din il-vertenza billi laqghat t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni hlief li l-imghax fuq l-ammont akkordat ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-avviz u dana wara li qalet hekk:-

"*Illi rrizulta mill-provi li s-socjeta` konvenuta tiggestixxi kumpless turistiku f'Pembroke, St. Andrews u fis-17 ta' Awissu 1998 (Dok LS5) kitbet lill-korporazzjoni sabiex izzid il-provvista tal-kurrent elettriku. Saru l-kuntatti preliminari sakemm fl-ahhar, fit-23 ta' Marzu 1999 gie maghmul kuntratt li bih is-socjeta` attrici ntrabtet li tipprovdi servizz aktar avvanzat ghal dak illi kellha fil-kumpless. Saret stima fl-ammont ta' tlett elef mija u hamsa u tletin lira (LM3135) u fit-23 ta' Marzu, 1999 sar il-kuntratt li fuqu s-socjeta` konvenuta hallset depozitu ta' elfejn lira (LM2,000), bi ftehim li l-bilanc ta' elf mija u hamsa u tletin lira (LM1135) jithallas hekk kif jispicca x-xoghol.*

*"Sadanittant fil-5 ta' Frar 1999, u cioe` qabel l-iffirmar tal-kuntratt, gew mibdula r-rati tal-KVA minn tlettax-il lira (LM13) ghal hamsa u tletin lira (LM35). (LN 27/99). Meta kienet qed tinhadem l-istima, l-iskrivan ma ndunax bit-tali bdil u baqa' jahdem l-istima abbazi tar-rata l-antika ta'*

*tlettax-il lira (LM13) per KVA. Ghal habta ta' Marzu, l-korporazzjoni attrici ndunat b'dan l-izball u kkomunikat ma Lennart Sciberras ghan-nom tas-socjeta` knonvenuta u nformatu bil-bdil tar-rati.*

*"Lennart Sciberras qal illi kien sejjer l-ewwel ikellem lid-diretturi tas-socjeta` konvenuta u mbaghad jerga' lura lejn il-korporazzjoni attrici sabiex jaghtiha risposta. Din ir-risposta pero` qatt ma waslet, u minflok il-korporazzjoni attrici bdiet tircievi diversi ittri u ittri ufficjali minghand l-avukat tas-socjeta` konvenuta sabiex tissokta bix-xoghol. Ghalhekk ghal habta ta' Novembru 1999, il-korporazzjoni attrici baghtet ghal Lennart Sciberras sabiex jiffirma applikazzjoni ghal alterazzjoni ta' l-istallazzjoni elettrika. Din l-applikazzjoni kienet wahda teknika, izda fost il-kondizzjonijiet kien hemm miktub illi l-applikant ikun "….lest li nhallas is-service fee u pagamenti ohra dovuti skond ir-regolamenti ghal provvista ta' l-elettriku …." Din l-applikazzjoni giet iffirmata fl-24 a' Novembru 1999. Saru x-xogholijiet u dawna tlestew ghal habta ta' l-ahhar ta' Dicembru 1999. Wara li tlestew ix-xogholijiet, is-socjeta` konvenuta baghtet il-bilanc ta' elf mija u hamsa u tletin lira (LM1135) u sa fejn taf hi l-istorja waqfet hemm, izda sena wara rceviet talba ghal bilanc ta' elfejn erba' mija u wiehed u erbghin lira u tlieta u sebghin centezimu (LM2441.73) ghad-differenza tar-rati bejn it-tlettax-il lira (LM13) u l-hamsa u tletin lira (LM35) per KVA.*

*"Is-socjeta` konvenuta kkontestat din it-talba peress illi qieghda torbot id-drittijiet taghha mal-kuntratt originali li sar fit-23 ta' Marzu, 1999 li stabilixxa l-prezz tax-xogholijiet fl-ammont ta' tlett elef mija u hamsa u tletin lira (LM3135). Minnahha l-ohra, l-korporazzjoni attrici qieghda tghid illi din l-ahhar cifra kienet biss stima li kienet tiddipendi finalment mill-kont li johrog wara li jsiru x-xogholijiet, fliema kaz il-partijiet kienu jhallsu differenza skond il-kaz. Apparti dan, l-applikazzjoni ghall-alterazzjoni ta' l-istallazzjoni elettria giet iffirmata minn Lennart Sciberras ghan-nom tas-socjeta` konvenuta meta dan ta' l-ahhar kien diga jaf illi r-rati kienu tbiddlu u di piu` b'din l-applikazzjoni saret novazzjoni u ghalhekk is-socjeta` konvenuta issa ghandha thallas l-ammont mitlub.*

*Ikkunsidrat:*

*“Ma hemmx dubbju illi z-zewg argumenti ghandhom il-fondament taghhom, pero` din il-Qort hija propensa illi xxaqleb lejn l-argument tas-socjeta` attrici. Veru li meta gie iffirmat il-kuntratt tat-23 ta’ Marzu, 1999 giet iffissata c-cifra ta’ tlett elef mija u hamsa u tlettin lira (LM3135). Din ic-cifra pero`, li nhadmet bir-rata tat-tlettax-il lira (LM13) perKVA, ma kienetx wahda definittiva. Fil-fatt l-applikant intrabat “….. to pay to EneMalta Corporation any sum which may have been expanded over and above the said amount …..” Mhuwiex car jekk il-kuntratt huwiex qed jirreferi ghal bdil fir-rati jew inkella bdil fl-ispiza sabiex isiru x-xogholijiet. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti jidhrilha illi l-applikazzjoni ghall-alterazzjoni ta’ l-istallazzjoni elettrika ssuperat il-kuntratt tat-23 ta’ Marzu, 1999. Kopja ta’ din l-applikazzjoni tinsab esebita f’dawn l-atti u kif gia nghad l-applikant intrabat li jhallas il-pagamenti dovuti skond ir-regolamenti tal-provvista ta’ l-elettriku.*

*“Meta giet iffirmata din l-applikazzjoni, r-regolamenti ghal provvista ta’ l-elettriku kienu jghidu illi r-rata per KVA kellha tkun ta’ hamsa u teltin lira (LM35). Dana kien a konoxxenza ta’ Lennart Sciberras li ffirma l-applikazzjoni ghan-nom tas-socjeta` konvenuta. Mhijiex skuza illi jghid li din l-applikazzjoni kienet wahda teknika u allura halla f’idejn l-electrician tal-kumpanija u hu kemm iffirma l-ewwel karta. Sciberras kien jaf sew ghal xhiex kien qed jiffirma peress illi kien diga mgharraf bid-differenza tar-rati u kien ukoll mgharraf illi l-korporazzjoni attrici kienet qed tezigi prezz gdid skond ir-rati godda. Ghalhekk meta Lennart Sciberras iffirma din l-applikazzjoni, rabat is-socjeta` konvenuta bir-rati l-godda ta’ hamsa u tletin lira (LM35) per KVA kif kienu qieghdin ighidu r-regolamenti tal-provvisti ta’ l-elettriku dakinhar. Fil-fatt meta giet skambjata korrispondenza bejn iz-zewg partijiet, filwaqt illi s-socjeta` konvenuta ghamlet hafna enfasi fuq il-kuntratt iffirmat fit-23 ta’ Marzu, 1999, ma qalet xejn dwar l-applikazzjoni illi giet iffirmata fl-24 ta’ Novembru, 1999.*

*“Fl-ittra mibghuta minn Lennart Sciberras fit-12 ta’ Marzu, 2001 Dok LS 5, hemm elenku ta’ dak kollu li ghaddiet is-socjeta` konvenuta fit-talba taghha ghal zieda fil-provvista ta’ l-elettriku, izda ma semmiet xejn dwar l-applikazzjoni ta’ l-24 ta’ Novembru, 1999. L-istess ghamel l-avukat tas-socjeta` konvenuta fl-ittri tieghu u fl-ittri ufficjali illi saru lill-korporazzjoni attrici.*

*“Ma hemmx dubbju illi l-aktar fattur importanti f’ghajnejn il-Qorti illi gaghalitha xxaqleb favur it-tezi tal-korporazzjoni attrici, huwa illi meta Lennart Sciberras ghan-nom tas-socjeta` konvenuta iffirma l-applikazzjoni ta’ l-24 ta Novembru 1999, kien jaf illi r-rati kienu tbiddlu u ntrabat illi josserva r-regolamenti tal-provvista ta’ l-elettriku li kienu vigenti dakinhar.*

*“Dawn ir-regolamenti kienu stabbilew rata ta’ hamsa u teltin lira (LM35) per KVA u kwindi hija din ir-rata illi issa s-socjeta` konvenuta ghandha thallas. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-korporazzjoni attrici ghandha ragun fit-talba taghha li timmerita konferma.”*

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikorsipprezentat fis-27 ta’ Frar 2003 interponiet appell minnha fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija talbet li din il-Qorti tirrevoka u thassar l-imsemmija sentenza billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanta u tichad it-talbiet tal-korporazzjoni attrici appellata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

Fir-risposta taghha l-korporazzjoni attrici sottomettiet li s-sentenza appelata hija gusta u li ghalhekk, ghar-ragunijiet hemm moghtija, timmerita konferma bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra is-socjeta` attrici appellanti.

**Ikkunsidrat:**

Il-kwistjoni bejn il-kontendenti tikkoncerna ammont bilancjali reklamat mill-korporazzjoni attrici in konnessjoni ma xogholijiet relatati mal-provista ta' "extension of electricity supply to Block F at Sprachcaffe Club Village, St. Andrews." Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet ghamlet applikazzjoni mal-Korporazzjoni attrici ghal dan il-ghan u fl-4 ta' Jannar, 1999 l-istess socjeta` konvenuta giet infurmata li l-ispejjes in konnessjoni max-xoghol mehtieg a tenur tal-Electricity Supply Regulations kien jammonta ghas-somma ta' LM3135.00. Fl-ittra indirizzata lis-socjeta` konvenuta oltre l-ispiza mehtiega, din giet mitluba sabiex qabel ma jibdew ix-xogholijiet rapprezentant taghha jmur l-ufficcju tal-Korporazzjoni attrici, li jithallas l-ammont imsemmi u tigi iffirmata "the prescribed agreement". Inoltre fl-istess ittra jinghad li "unless the above stated sum is deposited within 3 months from the date of this letter, your registered application will be cancelled and you will have to apply again should you require the service in future."

Effettivament fit-23 ta' Marzu 1999 gie iffirmat dokument, indikat bhala Agreement No. 20/99, li, f'termini xejn cari, jirriferi ghax-xogholijiet tal-"extension of the said Three Phase supply" u hemm jissemma ukoll li dak inhar kienet thallset is-somma ta' LM2,000 (cioe` parti mill-ammont ta' LM3135 fuq imsemmija) liema somma kienet ser tinzamm bhala depozitu mill-Korporazzjoni "until the execution of the said works". Il-bilanc ta' LM1135 kellu, skond dan id-dokument, jithallas "prior to energizing". Fl-istess hin dan id-dokument jghid li l-Korporazzjoni kienet qed tinghata d-dritt li mis-somma komplessiva ta' LM3135 izzomm "the amount which the Corporation shall have expanded in connection with the extension …" mentri s-socjeta` konvenuta intrabtet li thallas "any sum which may have been expended over and above the same amount of LM3135 deposited".

Gara pero` li fil-5 ta' Frar, 1999, u cioe` bejn id-data tal-konferma tal-applikazzjoni maghmula mis-socjeta` konvenuta fejn gie indikat il-prezz ghax-xogholijiet mehtiega u l-iffirmar tal-Agreement No. 20/99, gie pubblika l-Avviz Legali Nru. 27 ta' l-1999 mahrug taht l-Att

dwar l-Enemalta (Kap 272). L-Artikolu 3 ta’ dan l-avviz, li kelli l-ghan li jissotitwixxi it-Taqsima VIIIA tar-regolamenti principali, jiddispni fil-paragrafu (e) li “l-ispejjes kollha ghall-estensjoni ta’ servizz *bulk* ser jithallas mill-applikant. Hlas ta’ LM35 ghall kull kVA mitlub irid jithallas ukoll mill-applikant bhala kontribuzzjoni ghall-uzu ta’ sistema ta’ vultagg gholi.” Jidher ghalhekk li, b’effett minn dik id-data l-prezz ghal kull kVA tela’ minn LM13 ghal LM35. B’dana kollu meta fit-23 ta’ Marzu, 1999 ir-rapprezentat tas-socjeta` konvenuta mar fl-ufficcji tal-Korporazzjoni biex jiffirma l-ftehim imsemmi fl-ittra tal-4 ta’ Jannar, 1999 u jaghmel id-depozitu mehtieg, l-ufficjali tal-Korporazzjoni ma ssollevawx dan il-fatt u l-kuntratt li gie ffirmat kien jirrifletti dak li kien stabbilit fl-ittra tal-Korporazzjoni tal-4 ta’ Jannar, 1999. Il-prezz ta’ l-appalt kien ghalhekk stabbilit fis-somma ta’LM3135 u jvarja jew anqas jew aktar skond il-kaz. Kien biss f’April ta’ dik is-sena li s-socjeta` konvenuta ngiebet a konjizzjoni tad-differenza fil-prezz bhala effett tal-avviz legali fuq imsemmi  u dana b’mod informali. (ara xhieda Mark Vella fol. 38).

Sussegwentement, ghal habta ta’ l-ahhar ta’ Lulju 1999 u wara hafna insistenza da parti tas-socjeta` konvenuta biex jibdeew ix-xogholijiet,  (ara xhieda Stephen Caruana fol. 13) inghatat l-ordni biex jigu ezegwiti x-xogholijiet ordnati, u dan billi, skond ix-xhud Caruana, ma kinitx taghmel differenza lil Korporazzjoni ghax “Fl-ahhar mill-ahhar jiena kont se nibghat invoice lis-sur Sciberras dwar ir-rati l-godda.”  Dawn ix-xogholijiet tlestew ghal habta ta’ Dicembru ta’ dik is-sena.

Fil-pendenza tax-xogholijiet u cioe` fl-24 ta’ Novembru, 1999 ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta gie mitlub jiffirma, kif fil-fatt ghamel, dokument intestat “Applikazzjoni ghall-alterazzjoni ta’ l-istallazzjoni elettrika”. Dan id-dokument, skond ix-xhud Caruana huwa mehtieg “sabiex ahna nikkomunikaw l-elettriku mas-sistema centrali.” (enfazi ta’ din il-Qorti).

Fit-2 ta’ Frar, 2000 sar pagament tas-somma bilancjali indikata fil-kuntratt tat-23 ta’ Marzu, 1999 fl-ammont ta’ LM1135. Ghal dan il-pagament is-socjeta` konvenuta

appellanti inghatat ricevuta fejn il-pagament gie indikat bhala “Balance i.c.w. 3 phase supply to Sprachcaffe Club Village St. Andrews” (ara ricevuta nru 025577 a fol 53 tal-process).

Finalment fis-6 ta’ Frar, 2001 s-socjeta` konvenuta giet rinfaccata b’kont gdid mahrug mill-Korporazzjoni attrici fl-ammont ta’ LM5576.73 u l-istess socjeta` konvenuta giet mitluba thallas il-bilanc ta’ LM2441.73 u cioe` l-ammont rimanenti wara li, skond il-Korporazzjoni attrici, tnaqqsu d-‘depositi’ maghmula fl-ammont ta’ LM3135.

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta` konvenuta irrifjutat thallas l-ammont reklamat mill-Korporazzjoni attrici billi dina qeghd torbot l-obbligi taghha mal-kuntratt tat-23 ta’ Marzu, 1999 u b’hekk issostni li ma ghandha thallas xejn aktar inkwantu l-ammont kollu konvenut gie debitament saldat. Mill-banda l-ohra il-Korporazzjoni attrici qed tiggustifika l-pretensjoni taghha fuq tlett argumenti. Fl-ewwel lok qed jigi sottomess li l-ammont indikat fil-kuntratt imsemmi (u cioe` dak ta’ Marzu 1999) kien biss jirraprezenta stima li kienet tiddipendi finalment mill-kont final. Fit-tieni lok qed jigi rilevat li r-rappresentant tas-socjeta` konvenuta kien konxju tar-rati l-godda meta gie iffirmat il-kuntratt. U finalment qed jinghad li, fi kwalunkwe kaz, l-iffirmar fl-24 ta’ Novembru, 1999 tad-dokument konsistenti f’applikazzjoni ghall-alterazzjoni ta’ l-istallazzjoni elettrika, holoq novazzjoni ta’ l-obbligazzjoni u li konsegwentement is-socjeta` konvenuta issa kellha thallas bir-rati l-godda.

Rinfaccata b’dawn l-aspetti kontrastanti tal-kwistjoni l-Qorti ta’ Prim Istanza uriet certa titubanza meta osservat li “Ma hemmx dubbju illi z-zewg argumenti ghandhom il-fondament taghhom” b’dana kollu dik il-Qorti qalet li hija propensa illi x-xaqqleb lejn l-argument tas-socjeta` attrici billi, skond l-ewwel qorti:

a. Is-somma ta’ LM3135 ma kinitx wahda definittiva;

b. Il-konvenut kien intrabat “…to pay into the Enemalta Corporation any sum which may have been expended over and above the said amount…..”; u

c. L-applikazzjoni ffirmata fl-24 ta’ Novembru, 1999 ssuperat il-kuntratt tat-23 ta’ Marzu, 1999.

In effetti b’dan il-mod l-ewwel qorti accettat is-sottomissjonijiet u l-argumenti kollha tal-Korporazzjoni attrici filwaqt li cahdet is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta.

**Ikkunsidrat:**

Fil-fehma ta’ din il-Qorti r-ragunijiet moghtija mill-ewwel qorti fl-akkoljiment tat-talba attrici huma kemm xejn konfliggenti. Infatti jekk, kif irriteniet l-ewwel qorti, bl-iffirmar tal-applikazzjoni tal-24 ta’ Novembru, 1999 kien hemm novazzjoni ta’ l-obbligazzjoni, dan per necessita` jgieb l-estinzjoni ta’ l-ewwel obbligazzjoni u cioe` dik iffirmata fit-23 ta’ Marzu, 1999. Dan ifisser li l-istess qorti qatt ma setghet f’nifs wiehed taccetta bhala l-obbligazzjoni vigenti d-dokument iffirmat fl-24 ta’ Novembru, 1999 u fl-istess hin tuza argumenti bazati fuq il-kontenut tal-ftehim tat-23 ta’ Marzu, 1999 biex tichad is-sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta. Jew saret novazzjoni u ghalhekk l-obbligazzjoni original giet sostitwita u sorpassata b’dak kollu li kien fiha jew inkella le! Ma tistax taghmel referenza ghall-ftehim originali jekk dan jigi ritenut li ma ghadux jezisti. Is-subartikolu (1) tal-Artikolu 1181 tal-Kap 16 ma jhalli ebda dubbju dwar dan meta jghid li “Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima <u>ma tigix maqtula</u> …..”

**Ikkunsidrat:**

Issa fost ic-cirkostanzi meta tista’ issehh novazzjoni nsibu li jkun hemm novazzjoni ta’ obbligazzjoni meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, illi jispicca. Pero` biex jista` jinghad li tkun sehhet novazzjoni, huwa mehtieg li l-intenzjoni tal-partijiet f’dan ir-rigward tidher bic-car. Infatti l-ligi tghid (Art.1180) li novazzjoni ma tistax tigi prezunta.

Tenut kont ta’ dak li nghad hawn fuq din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-konkluzzjoni ta’ l-ewwel qorti billi certament

ma jidher xejn car li l-applikazzjoni ffirmata fl-24 ta' Novembru, 1999 kienet b'xi mod qed tirrimpjazza l-kuntratt tat-23 ta' Marzu ta' l-istess sena (dejjem jekk tali applikazzjoni tal-24 ta' Novembru setghet titqies bhala obbligazzjoni). Infatti dan id-dokument (fol 17) la jaghmel referenza ghall-ftehim originali, li allura skond l-ewwel qorti gie rimpjazzat, la jaghmel referenza ghat-tip ta' xogholijiet li kellhom isiru – hlief li b'mod generali hafna fih jinghad li l-iskop ta' l-applikazzjoni biex l-applikant izzid u jressaq - u lanqas ma jindika xi prezz gdid li kellu jithallas minflok dak li kien gie konvenut bejn il-partijiet originarjament, finalment lanqas biss ma jirrikjedi li l-applikant jaghmel xi depozitu qabel ma jibdew ix-xogholijiet – haga tant rikjesta mill-Korporazzjoni attrici kif jidher mill-enfazi li sar dwar dan fl-ittra tal-istess Korporazzjoni tal-4 ta' Jannar 1999 (Dok SC2 fol-18). Inoltre ghandu jigi osservat li r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta gie mitlub li jiffirma dan id-dokument jew meta l-istess xogholijiet kienu fi stadju avvanzat ta' "completion" tax-xogholijiet kontemplati fil-kuntratt tat-23 ta' Marzu 1999 abbinat mal-ittra tal-Korporazzjoni tal-4 ta' Jannar, 1999, jew, sahansitra meta dawn l-istess xogholijiet kienu gja gew terminati. Infatti dan il-fatt jaghti affidament ghal dak li stqarr l-Assistant Finance Manager tal-Korporazzjoni Stephen Caruana (fol 14) meta spjega li "Din l-applikazzjoni issir sabiex ahna nikkomunikaw l-elettriku mas-sistema centrali." (enfazi tal-Qorti). Ghalhekk l-istess rapprezentant tal-Korporazzjoni attrici qed jammetti li din l-applikazzjoni ma tammontax ghall-novazzjoni izda hija biss mehtiega bhala formalita` biex issir il-komunikazzjoni mas-sistema centrali wara li jsiru xi xogholijiet rikjesti mill-konsumatur. Il-kuntratt li gie iffirmat mill-partijiet f'Marzu 1999 ma kienx marbut mal-komunikazzjoni tal-ambejnti tas-socjeta` konvenuta mas-sistema centrali izda piuttost ma xogholijiet mehtiega biex jigi stallat it-'three phase' fl-istess ambjenti tas-socjeta` konvenuta. Naturalment wara li jsiru dawn ix-xogholijiet issir l-"komunikazzjoni" mas-sistema centrali biex tkun tista` tinghata l-provvista ta' elettriku.

Tajjeb li jinghad ukoll li x-xogholijiet inbdew fl-Lulju 1999 cioe` meta l-partijiet kienu marbutin bil-kuntratt tat-23 ta'

Marzu, 1999, f'dik id-data ma kien hemm ebda hiel li l-partijiet kienu behsiebhom jhassru dan il-ftehim u jirrimpjazzawh b'wiehed gdid. Fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-applikazzjoni Dok SC1 (fol 17) ma kkreat ebda novazzjoni u r-relazzjonijiet tal-partijiet kienu u baqghu regolati bil-ftehim tat-23 ta' Marzu 1999 abbinat ma dak li jinghad fl-ittra tal-Korporazzjoni data 4 ta' Jannar 1999.

**Ikkunsidrat:**

Dan stabbilit din il-Qorti ghandha issa tara jekk, kif irriteniet l-ewwel qorti, l-kuntratt ta-23 ta' Marzu, 1999 kien jikkontempla zieda fil-kont billi dan kien jipprospetta l-obbligu tas-socjeta` konvenuta "to pay into Enemalta any sum which may have been expended over and above the said amount of LM3135."

Huwa rikonoxxut li kuntratti huma ligi bejn il-partijiet u ghandhom jigu ezegwiti in bona fede. Issa jirrizulta li, tajjeb jew hazin, meta l-Korporazzjoni iffirmat l-kuntratt tat-23 ta' Marzu, 1999 qatt ma kellha f'mohha xi prezz gdid minhabba kambjamenti fir-rati tal-kVA. Infatti dan il-fatt la jissemma u lanqas ma saret ebda rizerva dwaru – haga li setghet issir facilment billi jista' jigri, bhal ma fil-fatt gara wara l-ittra tal-Korporazzjoni tal-4 ta' Jannar, 1999, li jkun hemm tibdil fir-rati. Pero` dan ma garax. Ghalhekk ghal kull buon fini r-rati l-godda qatt ma jista'jinghad li kienu jifformaw meritu tal-kuntratt tat-23 ta' Marzu, 1999 u dana din il-Qorti qeghedha tghidu billi jidher li l-fehim proprju ta' bejn il-kontendenti kien dak li gie konkjuz f'Jannar 1999 billi l-ittra tal-Korporazzjoni kienet telenka dettaljatament il-kondizzjonijiet ghax-xogholijiet proposti u, l-kuntratt, jekk jista` jissejjah hekk, tat-23 ta' Marzu, 1999 kien semplicement "endorsement" ta' dak li kien gia gie konkjuz. Jinghad li dan kien semplicement "endorsement" billi fil-kuntratt tat-23 ta' Marzu, 1999 ma insibu xejn partikolari hlief dak li ghandu x'jaqsam mal-pagament dovut u li effettivament kien jirrifletti l-ammont indikat fl-ittra tal-4 ta' Jannar.

Issa ghar-rigward tal-kliem "to pay any sum which may have been expended over and above the same amount of

LM3135" din il-Qorti hija tal-fehma li dawn il-kliem ma jfissru xejn aktar mir-rizerva li normalment issir f'kull kuntratt ta' appalt ghall-varjazzjoni fil-kont finali minhabba incertezzi fl-ezekuzzjoni tax-xoghol u bl-ebda mod ma ghandha tigi kunsidrata bhala rizerva in konnessjoni maz-zidiet fir-rati tal-kVA. Dan ghaliex hija regola generali li l-prezz konvenut ghall-appalt ma jistax jinbidel jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet eccetto ghal dawk l-affarijiet zghar li ma jeccedux l-5%. Inoltre ma jidhirx li kien hemm xi divergenzi mil-prezz konvenut billi mid-dokument SC15 a fol. 33 jirrizulta li l-kont dettaljat redatt mill-Korporazzjoni attrici u iffirmat minn Executive Officer tal-Korporazzjoni fl-14 ta' Ottubru, 2002, u cioe` kwazi tlett snin wara li gew terminati x-xogholijiet, juri prezz ghal dawn ix-xogholijiet fl-ammont ta' LM3,135.00 u xejn aktar. Ghalhekk il-klawsola fuq imsemmija qatt ma setghet tigi applikata billi s-socjeta` konvenuta hallset dan l-ammont.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi milquh u s-sentenza appellata revokata billi wkoll prevja l-akkoljiment tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta` konvenuta tichad it-talbiet attrici. L-ispejjes taz-zewg istanzi jkunu a kariku tal-Korporazzjoni Enenmalta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------